Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Awwissu 2022
(OR. en)

11943/22

LIMITE

JUR 561
POLCOM 104
COMER 99
IA 127
CODEC 1230

PUBLIC

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0406(COD)**

**OPINJONI TAS-SERVIZZ LEGALI**[1]

| | |
|---|---|
| minn: | Servizz Legali |
| lil: | Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Kummerċjali |
| Suġġett: | Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha minn koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi – bażi legali u aspetti istituzzjonali |

## I. INTRODUZZJONI

1. Fl-10 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat Proposta għal Regolament dwar il-protezzjoni tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha mill-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiżi terzi ("il-Proposta") [2].

[1] Dan id-dokument fih parir legali protett taħt l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma ħariġx għall-pubbliku. Il-Kunsill jirriżerva d-drittijiet legali kollha tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe pubblikazzjoni mhux awtorizzata.
[2] Dok. 14943/21.

2. Din il-Proposta ġiet ippreżentata u diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Kummerċjali (TQWP) fid-9 ta' Diċembru 2021, fit-12 ta' Jannar 2022, fil-25 ta' Jannar 2022, fit-2 ta' Frar 2022, fil-15 ta' Frar 2022, fit-2 ta' Marzu 2022, fit-8 ta' Marzu 2022, fil-15 ta' Marzu 2022, fil-5 ta' April 2022, fis-27 ta' April 2022 u fit-3 ta' Mejju 2022. Fis-17 ta' Mejju 2022, fl-1 ta' Ġunju 2022 u fid-9 ta' Ġunju 2022, it-TQWP iddiskuta Proposta ta' kompromess ippreżentata mill-Presidenza [3]. Fit-28 ta' Ġunju 2022 u fil-5 ta' Lulju 2022, it-TQWP iddiskuta t-tieni Proposta ta' kompromess ippreżentata mill-Presidenza[4].

3. Matul id-diskussjonijiet, tqajmu mistoqsijiet dwar il-bażi legali proposta mill-Kummissjoni, l-aspetti istituzzjonali tal-mekkaniżmu tat-teħid tad-deċiżjonijiet propost, u l-kompatibbiltà tal-Proposta mad-dritt internazzjonali u r-regoli tad-WTO.

4. Fil-laqgħat tiegħu tas-27 ta' April u tas-17 ta' Mejju 2022, ir-rappreżentant tas-Servizz Legali tal-Kunsill ippreżenta l-parir legali tiegħu dwar il-bażi legali u l-aspetti istituzzjonali tal-Proposta. Fuq talba tat-TQWP, dan id-dokument ikompli jelabora bil-miktub xi wħud mill-punti li saru bil-fomm.

## II. ANALIŻI LEGALI

5. Din l-opinjoni l-ewwel ser teżamina jekk l-Artikolu 207(2) TFUE huwiex il-bażi legali korretta għall-Proposta (A) u mbagħad tanalizza l-aspetti istituzzjonali tagħha (B).

[3] Dok. WK 6814/2022.
[4] Dok. WK 9206/2022.



PUBLIC

## A. BAŻI LEGALI

### *i) L-għan u l-kontenut tal-Proposta*

6. L-għażla tal-bażi legali korretta ta' att tal-Unjoni trid tiġi ddeterminata skont kriterji oġġettivi soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju, inkluż, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tal-miżura[5].

7. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, l-għażla tal-bażi legali korretta tirrikjedi l-identifikazzjoni tal-għan jew il-komponent prinċipali jew predominanti ta' miżura. Jekk miżura jkollha żewġ għanijiet jew żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jista' jiġi identifikat bħala dak prinċipali, waqt li l-ieħor ikun biss inċidentali, il-miżura għandha tkun ibbażata fuq bażi legali unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew komponent prinċipali jew predominanti. Min-naħa l-oħra, jekk miżura jkollha għadd ta' objettivi fl-istess ħin, jew għandha diversi komponenti li huma marbuta b'mod inseparabbli, mingħajr ma wieħed ikun inċidentali fir-rigward tal-ieħor, tali miżura għandha tkun bbażata, b'mod eċċezzjonali, fuq id-diversi bażijiet legali korrispondenti. Madankollu, il-Qorti ddeċidiet ukoll li mhux possibbli jkun hemm rikors għal bażijiet legali doppji jew multipli meta l-proċeduri stabbiliti għal kull bażi legali jkunu inkompatibbli ma' xulxin [6].

PUBLIC

[5] Is-sentenza tas-26 ta' Marzu 1987, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, 45/86, EU:C:1987:163, il-punt 11; is-sentenza tal-11 ta' Ġunju 1991, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, C-300/89, EU:C:1991:244, il-punt 10; L-Opinjoni 2/00 (*Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà*), tas-6 ta' Diċembru 2001, EU:C:2001:664, il-punt 22; is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2013, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, C-137/12, EU:C:1991:244, il-punt 10; is-sentenza tal-14 ta' Ġunju 2016, *Il-Parlament vs Il-Kunsill*, C-263/14, EU:C:2016:435, il-punt 43; is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* (*Ftehim mal-Armenja*), C-180/20, EU:C:2021:658, il-punt 32; u s-sentenza tal-4 ta' Settembru 2018, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill* (*Ftehim mal-Każakistan*), C-244/17, EU:C:2018:662, il-punt 36.

[6] Ara, pereżempju, is-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, *Il-Parlament Ewropew vs Il-Kunsill*, C-130/10, EU:C:2012:472, il-punti 43 sa 45 u l-ġurisprudenza ċċitata.

8. Skont il-memorandum ta' spjegazzjoni, l-għan tal-Proposta huwa li "*jiġu protetti l-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha billi l-Unjoni titħalla twieġeb għal koerċizzjoni ekonomika*" f'konformità mal-valuri u l-interessi, kif imfakkar fil-premessi 1 sa 3, li l-Unjoni għandha ssostni u tippromwovi fir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja skont l-Artikolu 3(5) TUE u mal-prinċipji li għandhom jiggwidaw l-azzjoni tal-Unjoni fix-xena internazzjonali skont l-Artikolu 21(1) TUE, inkluż ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-NU u d-dritt internazzjonali, b'mod partikolari dak li jiġu żviluppati relazzjonijiet ta' ħbiberija fost in-nazzjonijiet ibbażati fuq ir-rispett għall-prinċipju ta' drittijiet ugwali. Skont il-premessa 5, "*[h]uwa mixtieq li l-Unjoni tikkontribwixxi għall-ħolqien, għall-iżvilupp u għall-kjarifika ta' oqfsa internazzjonali għall-prevenzjoni u għall-eliminazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' koerċizzjoni ekonomika*."

9. Il-Proposta tistabbilixxi regoli u proċeduri sabiex "*tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tal-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fejn pajjiż terz ifittex, permezz ta' miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment, li jġiegħel lill-Unjoni jew lil Stat Membru jadotta jew jonqos milli jadotta att partikolari*." Ir-Regolament għandu l-għan li jiżgura reazzjoni effettiva, effiċjenti u rapida tal-Unjoni "*bl-għan li tiskoraġġixxi, jew li twaqqaf lill-pajjiż terz milli jwettaq tali azzjonijiet, filwaqt li jippermetti lill-Unjoni, fl-aħħar istanza, li tikkontrobatti tali azzjonijiet*" (l-Artikolu 1, il-premessa 7).

10. Il-koerċizzjoni ekonomika hija definita bħala interferenza minn pajjiż terz fl-għażliet sovrani leġittimi tal-Unjoni jew ta' Stat Membru billi japplika jew jhedded li japplika miżuri li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment sabiex jipprevjeni jew jikseb il-waqfien, il-modifika jew l-adozzjoni ta' att partikolari (l-Artikolu 2(1) u l-premessa 11).

11. Wara eżami tal-miżuri tal-pajjiżi terzi, *"il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tiddetermina jekk il-miżura tal-pajjiż terz ikkonċernat tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1)*" u "*tinnotifika lill-pajjiż terz ikkonċernat bid-deċiżjoni tagħha u titolbu jwaqqaf il-koerċizzjoni ekonomika u, fejn xieraq, isewwi d-dannu mġarrab mill-Unjoni jew mill-Istati Membri tagħha*[7]" (l-Artikolu 4).

---

7 Id-dispożizzjoni tispeċifika wkoll li l-Kummissjoni "*għandha taġixxi malajr*" u tista' tistieden lill-pajjiż terz ikkonċernat jissottometti l-osservazzjonijiet tiegħu qabel ma tadotta d-deċiżjoni tagħha.



PUBLIC

12. Sussegwentement, il-Kummissjoni għandha tesplora opzjonijiet mal-pajjiż terz ikkonċernat, bil-ħsieb li tikseb il-waqfien tal-koerċizzjoni ekonomika, li b'mod mhux eżawrjenti jinkludu negozjati diretti, medjazzjoni, konċiljazzjoni jew bon offiċji, sottomissjoni tal-kwistjoni għal aġġudikazzjoni internazzjonali, jew li titqajjem il-kwistjoni fi kwalunkwe forum internazzjonali rilevanti (l-Artikolu 5). Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta u tikkoopera wkoll ma' pajjiżi terzi oħra affettwati mill-istess miżuri jew minn miżuri simili ta' koerċizzjoni ekonomika jew ma' kwalunkwe pajjiż terz interessat (l-Artikolu 6).

13. Meta l-azzjonijiet ta' hawn fuq ma jirriżultawx fil-waqfien tal-koerċizzjoni ekonomika u fil-kumpens tad-dannu li tkun ikkawżat lill-Unjoni jew lil Stat Membru u "*tkun meħtieġa azzjoni biex jiġu protetti l-interessi u d-drittijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha f'dak il-każ partikolari*", u "*tkun fl-interess tal-Unjoni*", il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami li tiddetermina r-rispons tal-Unjoni mill-firxa ta' miżuri previsti fl-Anness I għall-Proposta (l-Artikolu 7(1)).

14. Skont l-Anness I [8] u l-premessa 10, il-miżuri elenkati huma relatati mal-kummerċ fi prodotti, mal-akkwist pubbliku internazzjonali, mal-kummerċ fis-servizzi, mal-investiment dirett barrani, mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ, mas-servizzi finanzjarji bħall-banek, l-assigurazzjoni, l-aċċess għas-swieq kapitali tal-Unjoni u attivitajiet oħra ta' servizzi finanzjarji, u mal-aċċess għal programmi ta' riċerka ffinanzjati mill-Unjoni jew l-esklużjoni minnhom. Dawn kollha jistgħu jieħdu l-forma jew ta' miżuri li jikkostitwixxu nuqqas ta' twettiq tal-obbligi internazzjonali applikabbli, jiġifieri kontromiżuri permessi, jew miżuri awtonomi li huma konsistenti mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni.

[8] Dok. 14943/21 ADD 1.

PUBLIC

15. Il-miżuri stipulati fl-Anness I jistgħu japplikaw ukoll għal persuna ġuridika jew fiżika, maħtura mill-Kummissjoni, "*li tkun konnessa jew marbuta mal-gvern tal-pajjiż terz ikkonċernat" (l-Artikolu 8(2)(a)) jew "li tkun konnessa jew marbuta mal-gvern tal-pajjiż terz ikkonċernat u tkun barra minn hekk ikkawżat jew kienet involuta fi jew konnessa mal-koerċizzjoni ekonomika"* (l-Artikolu 8(2)(b)). Barra minn hekk, fir-rigward tal-kategorija tal-aħħar, il-Proposta toħloq intitolament għal "*persuna fiżika jew ġuridika tal-Unjoni*" li tirkupra "*kwalunkwe dannu kkawżat lilh[a] mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika sal-punt tal-kontribut tal-persuni maħtura għal tali miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika*" (l-Artikolu 8(1)(b)).

***ii) Il-politika kummerċjali komuni***

16. Il-Proposta tal-Kummissjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 207(2) TFUE, li jipprevedi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu permezz ta' regolamenti skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jadottaw il-miżuri li jiddefinixxu l-qafas għall-implementazzjoni tal-politika kummerċjali komuni.

17. L-Artikolu 207(1), li jagħmel parti mit-Titolu II tal-Ħames Parti tat-TFUE, jgħid li: [i]*l-politika kummerċjali komuni għandha tkun ibbażata fuq prinċipji uniformi, partikolarment fir-rigward ta' bidliet fir-rati tariffarji, il-konklużjoni ta' ftehim tariffarji u dawk kummerċjali rigward il-kummerċ ta' merkanzija u ta' servizzi, u l-aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali, l-investiment barrani dirett, il-kisba tal-uniformità fil-miżuri ta' liberalizzazzjoni, il-politika dwar l-esportazzjoni kif ukoll il-miżuri għall-protezzjoni tal-kummerċ bħal dawk li għandhom jittieħdu fil-każ ta' dumping jew sussidji. Il-politika kummerċjali komuni għandha titwettaq fil-kuntest tal-prinċipji u l-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.*

PUBLIC

18. Il-politika kummerċjali komuni mhijiex limitata għal miżuri maħsuba biex jiffaċilitaw (jilliberalizzaw jew jippromwovu) il-kummerċ ma' Stati terzi iżda tista' tinkludi miżuri li jirregolaw ir-restrizzjonijiet kummerċjali [9]. Lanqas fir-rigward tar-regolamentazzjoni tal-kummerċ ma hija limitata għal miżuri li jkollhom għanijiet purament kummerċjali: għall-kuntrarju, il-politika kummerċjali komuni tista' tqis l-objettivi usa' tal-azzjoni esterna tal-Unjoni[10].

PUBLIC

19. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 21(3) TUE, "[l]-*Unjoni għandha tirrispetta l-prinċipji u tfittex li twettaq l-objettivi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-azzjoni esterna tagħha fl-oqsma differenti koperti minn dan it-Titolu u mill-ħames parti tat-*[TFUE]*, kif ukoll fil-politika l-oħra tagħha fl-aspetti esterni tagħha.*" Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-politika kummerċjali komuni "*tagħmel parti mill-azzjoni esterna tal-Unjoni*" u għalhekk "*tirrigwarda l-kummerċ mal-Istati terzi*"[11].

20. Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li "*s-sempliċi fatt li att tal-Unjoni jista' jkollu ċerti implikazzjonijiet fuq il-kummerċ ma' Stat terz wieħed jew iktar ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li dan l-att għandu jiġi kklassifikat fil-kategorija ta' dawk li jaqgħu taħt il-politika kummerċjali komuni*". Pjuttost, "*att tal-Unjoni jaqa' taħt din il-politika jekk jikkonċerna speċifikament dan il-kummerċ sa fejn ikun intiż essenzjalment li jinkoraġġixxih, jiffaċilitah jew jirregolah u jkollu effetti diretti u immedjati fuqu*"[12] (enfasi miżjuda).

---

[9] Kif iddikjarat il-Qorti tal-Ġustizzja: "*miżura ta' projbizzjoni ta' esportazzjonijiet ta' apparat illegali lejn l-Unjoni hija intiża sabiex tipproteġi l-interess globali ta' din tal-aħħar u tagħmel parti minn, minħabba l-essenza nfisha tagħha, il-politika kummerċjali komuni*" (sentenza tat-22 ta' Ottubru 2013, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, C-137/12, EU:C:2013:675, punt 69 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll l-Opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2017, 7885/17, il-paragrafu 13 u l-ġurisprudenza msemmija fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

[10] Ibid., il-paragrafi 14 u 15. L-Opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill tat-23 ta' Marzu 2018, 7334/1/18 REV 1, il-paragrafi 20 u 21.

[11] L-Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Mejju 2017, l-*Opinjoni 2/15* (*Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' Singapore*), EU:C:2017:376, il-paragrafu 35.

[12] *Ibid.*, il-punt 36 u l-ġurisprudenza msemmija fih, b'mod partikolari s-sentenza tat-18 ta' Lulju 2013, *Daiichi Sankyo u Sanofi-Aventis Deutschland*, C414/11, EU:C:2013:520, il-punti 50 u 52. Ara wkoll C137/12, *ibid.*, il-paragrafu 58; l-Opinjoni 2/15, *ibid.*, il-paragrafu 37, l-Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Frar 2017, l-*Opinjoni 3/15* (*it-Trattat ta' Marrakexx*), EU:C:2017:114, il-paragrafu 61.

21. L-objettivi ddikjarati tal-istrument propost, jiġifieri s-salvagwardja tal-valuri, l-interessi fundamentali, is-sigurtà, l-indipendenza u l-integrità tal-Unjoni kif ukoll il-konsolidazzjoni u l-appoġġ tal-istat tad-dritt u l-prinċipji tad-dritt internazzjonali, jikkorrispondu mal-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 21(2)(a) u (b) TUE li l-Unjoni hija obbligata taħdem għalihom fil-kuntest tal-azzjoni esterna tagħha, inkluż, għalhekk, fil-qafas tal-politika kummerċjali komuni[13].

Madankollu, għandu jiġi ddeterminat jekk l-istrument propost huwiex intiż sabiex jippromwovi, jiffaċilita jew jirregola l-kummerċ u jekk għandux effetti diretti u immedjati fuqu, skont l-istandard stabbilit mill-Qorti fil-ġurisprudenza tagħha msemmija hawn fuq (ara l-paragrafu 20 hawn fuq).

***iii) Eżami ta' ċerti miżuri proposti fir-rigward tal-politika kummerċjali komuni***

22. Il-maġġoranza tal-miżuri stabbiliti fl-Anness I għall-Proposta huma jew espressament previsti fl-Artikolu 207(1) TFUE [14] jew ġew stabbiliti b'mod ċar bħala li jaqgħu fil-politika kummerċjali komuni [15]. Anke jekk jista' għalhekk jiġi stabbilit li l-fokus prinċipali tal-kontenut regolatorju tal-Proposta jaqa' fil-politika kummerċjali komuni, tliet kategoriji tal-miżuri proposti jeħtieġu, fil-fehma tas-Servizz Legali tal-Kunsill, eżami ulterjuri qabel ma jkun jista' jiġi stabbilit jekk jistgħux ikunu parti mill-qafas propost adottat skont l-Artikolu 207(2) TFUE.

[13] Dawn l-objettivi huma appoġġati wkoll mill-Artikolu 3(5) TUE li jgħid li "[f]*ir-relazzjonijiet tagħha mal-bqija tad-dinja, l-Unjoni għandha tafferma u tippromwovi l-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-protezzjoni taċ-ċittadini tagħha. Hija għandha tikkontribwixxi għal (...) kummerċ liberu u ġust, (...) għar-rispett sħiħ u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali (...)*".

[14] Dan japplika għall-miżuri stabbiliti fil-punti (a), (b), (c), (e), (f), (g), u (i).

[15] Dan japplika għall-miżuri stabbiliti fil-punti (d), (j) u (k).
Rigward l-aċċess għas-swieq tal-akkwist pubbliku tal-Unjoni għal prodotti u servizzi ta' pajjiżi terzi, ara l-Opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill tas-6 ta' Diċembru 2012, 17407/12. Rigward ir-restrizzjonijiet fuq ir-reġistrazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet skont il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi jew il-leġiżlazzjoni sanitarja u fitosanitarja li jikkostitwixxu miżuri relatati mal-aċċess għas-suq, ara l-Opinjoni 2/15, *ibid.*, il-paragrafu 44.

23. Dawn it-tliet kategoriji ta' miżuri huma: l-ewwel, in-nuqqas ta' twettiq[16] ta' obbligi internazzjonali applikabbli fir-rigward ta' aspetti relatati mal-kummerċ tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-protezzjoni ta' tali drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew l-isfruttament kummerċjali tagħhom, fir-rigward tad-detenturi tad-drittijiet li huma ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat (il-punt h)); it-tieni, in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi internazzjonali applikabbli u l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-aċċess għal programmi ta' riċerka ffinanzjati mill-Unjoni jew l-esklużjoni minnhom (il-punt l)); u t-tielet, miżuri li jiddeżinjaw persuni fiżiċi jew ġuridiċi konnessi jew marbuta mal-gvern tal-pajjiż terz ikkonċernat u tali persuni li "[jkunu] barra minn hekk ikkawża[w] jew kien[u] involut[i] fi jew konness[i] mal-koerċizzjoni ekonomika." (l-Artikolu 8), inkluż id-dritt għall-operaturi tal-Unjoni affettwati mill-miżuri tal-pajjiż terz li jitolbu kumpens għad-danni minn persuni deżinjati.

24. L-ewwel nett, fir-rigward ta' miżuri relatati mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali relatati mal-kummerċ[17], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fl-Opinjoni tagħha dwar il-Ftehim UE-Singapore li "*standards ta' protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali li għandhom ċerta omoġenità u jikkontribwixxu għaldaqstant sabiex jipparteċipaw* (l-intraprendituri tal-UE u l-pajjiż terz ikkonċernat) "*f'kundizzjonijiet ekwivalenti fil-moviment ħieles ta' merkanzija u ta' servizzi*"[18] u kkonkludiet "*li, fir-rigward tal-pożizzjoni essenzjali (...) , li l-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali għandha fil-kummerċ ta' merkanzija u ta' servizzi b'mod ġenerali u fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu*

[16] L-Anness jirreferi għas-"*sospensjoni ta' obbligi internazzjonali applikabbli*", li ma huwiex terminu korrett u, fi kwalunkwe każ, ma setax jiġi deċiż skont il-proċedura proposta. Sospensjoni ta' ftehim internazzjonali jew partijiet minnu bejn l-Unjoni u pajjiż terz hija possibbli biss f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 218(9) TFUE jew skont proċedura miftiehma f'konformità mal-Artikolu 218(7) TFUE.

[17] Ta' min jinnota li l-miżuri proposti f'dan il-punt għandhom kamp ta' applikazzjoni usa' mill-miżuri fl-Artikolu 5(a)(bb) tar-Regolament (UE) 2015/1843 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiġi żgurat l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (ĠU L 272, 16.10.2015), li huma limitati għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali mogħtija minn istituzzjoni jew aġenzija tal-Unjoni li tkun valida fl-Unjoni kollha.

[18] L-*Opinjoni 2/15*, il-paragrafi 122, 123.

*Ħdax tal-ftehim previst huma ta' natura li jkollhom effetti diretti u immedjati fuq il-kummerċ bejn l-Unjoni u r-Repubblika ta' Singapor*"[19].

25. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehim imsemmi hawn fuq jikkostitwixxu eżempju ta' obbligi internazzjonali applikabbli li, skont il-Proposta, l-Unjoni tista' tiddeċiedi li ma twettaqx bħala kontromiżura, jekk il-pajjiż inkwistjoni jirrifjuta li joqgħod lura mill-koerċizzjoni ekonomika tiegħu. Tali miżuri għalhekk – fil-prinċipju – ikollhom ukoll effetti diretti u immedjati fuq il-kummerċ bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat, kif stabbilit fil-ġurisprudenza msemmija hawn fuq (ara l-punt 20), fis-sens li "jidħlu fil-kuntest tal-liberalizzazzjoni ta' dan il-kummerċ, billi jifformaw parti integrali mis-sistema tad-WTO", għalkemm bl-intenzjoni li jirrestrinġu l-kummerċ aktar milli li jiffaċilitawh[20].

PUBLIC

26. Madankollu, din il-konklużjoni ma tistax tapplika fir-rigward ta' miżuri li jikkostitwixxu nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew l-isfruttament kummerċjali tagħhom fil-kuntest ta' ftehim <u>mhux relatat mal-kummerċ</u>, bħal pereżempju t-Trattat ta' Marrakexx li jiffaċilita l-aċċess għal xogħlijiet ippubblikati għal persuni għomja, b'diżabbiltà fil-vista jew li b'xi mod ieħor għandhom diffikultà biex jaqraw materjal stampat[21]. Sospensjoni tal-obbligi skont ftehimiet mhux relatati mal-kummerċ tista' twassal sabiex twessa' *b'mod eċċessiv il-kamp tal-politika kummerċjali komuni billi* [t]*orbot ma' din il-politika regoli li ma għandhomx rabta speċifika mal-kummerċ internazzjonali*" [22].

---

19 *Ibid.*, il-paragrafu 127.

20 Ara l-*Opinjoni 3/15*, *ibid.*, il-paragrafu 79.

21 Adottata mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) fis-27 ta' Ġunju 2013 u li fir-rigward tagħha l-Qorti ddeċidiet fl-*Opinjoni 3/15* tagħha li ma kinitx taqa' fil-politika kummerċjali komuni.

22 L-*Opinjoni 3/15*, *ibid.*, il-punt 85. Għal din ir-raġuni, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-allegazzjoni tal-Kummissjoni li tgħid li huma biss id-drittijiet morali li huma esklużi mill-kunċett ta' aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali.

27. Barra minn hekk, l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet awtonomi fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, jew l-isfruttament ekonomiku tagħhom fir-rigward tad-detenturi tad-drittijiet eżistenti tal-pajjiż terz ikkonċernat, tqajjem il-kwistjoni ta' kunflitt possibbli mad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem jew mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta"). Il-fatt li r-restrizzjonijiet huma limitati għal aspetti relatati mal-kummerċ tal-proprjetà intellettwali jfisser li l-irtirar tal-protezzjoni jew jipprevjeni jew jillimita l-kapaċità tad-detentur tad-dritt li jikseb benefiċċji materjali mis-suġġett protett. Interferenza mill-Unjoni fid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, protetti bħala parti mid-dritt fundamentali għall-proprjetà (l-Artikolu 17(1) tal-Karta u r-regoli internazzjonali ekwivalenti [23]), ma tistax tiġi eskluża.

Għalhekk, ser ikun meħtieġ eżami bir-reqqa fil-livell tal-att ta' implimentazzjoni biex jiġi żgurat li r-restrizzjoni relatata mad-detenturi tad-drittijiet eżistenti tkun limitata għall-eżerċizzju tad-drittijiet, tirrispetta l-essenza ta' dawk id-drittijiet u tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità, fis-sens li hija meħtieġa u ġenwinament tissodisfa l-objettivi ta' interess ġenerali rikonoxxuti mill-Unjoni (l-Artikolu 52(1) tal-Karta).

28. Soġġett għall-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, li għandhom jiġu ċċarati kif xieraq fil-parti operattiva tal-Proposta bħala parti mill-elementi essenzjali li għandhom jinkwadraw u jiggwidaw l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni, <u>il-miżuri msemmija fil-punt (h) tal-Anness I għall-Proposta jistgħu jiġu adottati abbażi tal-Artikolu 207(2) TFUE</u>.

[23] Ara wkoll l-Artikolu 27 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 15(1)(c) tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali.

29. It-tieni nett, fir-rigward ta' miżuri relatati mal-aċċess għal programmi ta' riċerka ffinanzjati mill-Unjoni, is-Servizz Legali tal-Kunsill ifakkar li r-regoli li jirregolaw il-programmi ta' riċerka tal-Unjoni jikkostitwixxu attivitajiet tal-Unjoni skont it-Trattati fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, li skont l-Artikolu 179(3) TFUE għandhom jiġu deċiżi, u implimentati, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu XIX tat-TFUE[24].

Dan jista' jinkludi regoli dwar restrizzjonijiet fuq l-aċċess għal, jew l-esklużjoni minn programmi ta' riċerka tal-Unjoni ta' pajjiżi terzi jew entitajiet stabbiliti f'pajjiżi terzi jew ikkontrollati minn entitajiet ta' pajjiżi terzi[25]. L-Artikolu 186 TFUE jispeċifika wkoll li, fl-implimentazzjoni tal-programm qafas pluriennali, l-Unjoni "*tista' tipprovdi għall-kooperazzjoni ma' stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali fl-oqsma tar-riċerka, tal-iżvilupp teknoloġiku u tad-dimonstrazzjoni tal-Unjoni" u li "[l]-arranġamenti dettaljati għal din il-kooperazzjoni jistgħu jkunu s-suġġetti ta' ftehim bejn l-Unjoni u l-partijiet terzi involuti*".

24 Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1) ("ir-Regolament dwar Orizzont Ewropa") ġie adottat fuq il-bażijiet legali li ġejjin: l-Artikolu 173(3), l-Artikolu 182(1), l-Artikolu 183, u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 188 TFUE.

25 Pereżempju, l-Artikolu 22(5) tar-Regolament Orizzont Ewropa, il-programm qafas ta' riċerka skont il-qafas finanzjarju pluriennali attwali, jipprevedi li "*Għal azzjonijiet relatati mal-assi strateġiċi, l-interessi, is-sigurtà jew l-awtonomija tal-Unjoni, il-programm ta' ħidma jista' jipprevedi li l-parteċipazzjoni tista' tkun limitata għal entitajiet ġuridiċi stabbiliti biss fl-Istati Membri jew entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi assoċjati jew pajjiżi terzi oħra speċifikati flimkien mal-Istati Membri. Kwalunkwe limitazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiżi assoċjati li jkunu membri taż-ŻEE għandha tkun konformi mat-termini u mal-kundizzjonijiet tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. Għal raġunijiet debitament ġustifikati u eċċezzjonali, sabiex tiġi ggarantita l-protezzjoni tal-aħjar interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, il-programm ta' ħidma jista' jeskludi wkoll il-parteċipazzjoni ta' entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni jew f'pajjiżi assoċjati kkontrollati direttament jew indirettament minn pajjiżi terzi mhux assoċjati jew minn entitajiet ġuridiċi ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati minn sejħiet individwali għal proposti, jew jagħmel il-parteċipazzjoni tagħhom soġġetta għal kundizzjonijiet stabbiliti fil-programm ta' ħidma*".



PUBLIC

Il-proposta ma tispjegax b'liema mod din il-miżura tista' tirrelata mal-kummerċ u fuq liema bażi ġiet inkluża fil-katalogu ta' miżuri possibbli. Lanqas ma telabora dwar il-programmi ta' riċerka eżistenti kkonċernati.

30. Jidher li la n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi internazzjonali applikabbli li l-Unjoni daħlet għalihom fil-qasam tar-riċerka, u lanqas l-impożizzjoni ta' restrizzjoni awtonoma fuq l-aċċess għall-programmi ta' riċerka tal-Unjoni ma jistgħu jitqiesu bħala speċifikament relatati mal-kummerċ internazzjonali, anki jekk jittieħdu fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali mal-pajjiż terz inkwistjoni.

Filwaqt li tali miżuri jistgħu jkunu ta' natura li jġiegħlu lill-pajjiż terz ineħħi l-miżuri koerċittivi tiegħu relatati mal-kummerċ, u għalhekk fl-aħħar mill-aħħar jirrestawra l-kummerċ, l-effetti ta' tali miżuri fuq il-kummerċ ma jkunux diretti u immedjati, kif stipulat fil-ġurisprudenza msemmija hawn fuq (ara l-punt 20), iżda indiretti u mbiegħda. Barra minn hekk, l-aċċettazzjoni ta' tali miżuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika kummerċjali komuni tista' titqies bħala li twassal sabiex twessa' "*b'mod eċċessiv il-kamp tal-politika kummerċjali komuni billi jorbot ma' din il-politika regoli li ma għandhomx rabta speċifika mal-kummerċ internazzjonali*" [26] u tirriskja li ċċaħħad id-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat dwar kompetenzi oħra tal-Unjoni (hawnhekk fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku) mill-effett utli tagħhom [27].

31. Għalhekk, <u>il-miżuri msemmija fil-punt 1 tal-Anness I għall-Proposta ma jistgħux jiġu adottati abbażi tal-Artikolu 207(2) TFUE</u> u dan il-punt għandu jitneħħa minnu.

32. Fl-istess ħin, miżuri bħal dawk proposti fl-Anness I(l) jistgħu jiġu promulgati mill-Unjoni skont ir-regoli u l-proċeduri applikabbli li jirregolaw il-parteċipazzjoni fil-programmi ta' riċerka tal-Unjoni.

---

[26] L-*Opinjoni 3/15*, *ibid.*, il-punt 85.

[27] Ara wkoll l-Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Diċembru 2001, l-*Opinjoni 2/00* (*Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà*), EU:C:2001:664, il-punt 40, fejn huwa ċar li l-politika kummerċjali komuni ma tiħux prijorità fuq oqsma oħra ta' kompetenza tal-Unjoni.



PUBLIC

L-Artikolu 7(1) tal-Proposta diġà jirreferi għal oqfsa possibbli oħra li fihom jistgħu jittieħdu miżuri ta' rispons[28]. Dan jista' jkun rilevanti wkoll għas-sospensjoni jew it-terminazzjoni tal-parteċipazzjoni fil-programmi [29] ta' riċerka jew għas-sospensjoni tal-kooperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-riċerka. It-tipi differenti ta' miżuri ta' rispons li jistgħu jittieħdu abbażi tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-qafas legali attwali tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka jistgħu jintwerew fil-premessi.

PUBLIC

[28] Il-Proposta ma tispjegax x'tip ta' azzjoni tipprevedi l-Kummissjoni skont din id-dispożizzjoni. Madankollu, jirriżulta mill-Komunikazzjoni tagħha dwar miżuri fi ħdan is-setgħat tal-Kummissjoni, li l-Kummissjoni tista' tadotta meta tiddetermina, skont ir-Regolament propost, li l-Unjoni tieħu miżuri ta' rispons biex tikkontrobatti miżura ta' koerċizzjoni ekonomika ta' pajjiż terz (COM(2021) 774 final) li tikkunsidra it-tip ta' azzjonijiet li ġejjin: li ma tidħolx għal impenji finanzjarji ġodda tal-Unjoni għal programmi jew fondi skont it-termini tal-proċedura ta' implimentazzjoni baġitarja rilevanti; li topponi operazzjonijiet ta' finanzjament ġodda, fejn ikun permissibbli f'konformità mal-ftehim bejn l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u entità fdata bil-ġestjoni indiretta ta' programm; li toqgħod lura milli tipproponi assistenza makrofinanzjarja ġdida lill-pajjiż terz ikkonċernat skont l-Artikoli 209, 212 u 213 TFUE, u tissospendi jew tikkanċella l-iżborżi fit-twettiq ta' operazzjonijiet f'konformità mal-ftehimiet applikabbli; li tissospendi jew ittemm, fejn permissibbli, kwalunkwe ftehim ta' kontribuzzjoni jew ta' garanzija bejn il-Kummissjoni f'isem l-Unjoni u entitajiet fdati li jirrigwardaw pajjiż terz ikkonċernat jew persuna deżinjata; li jiġu stabbiliti miżuri xierqa, inkluż is-sospensjoni ta' azzjonijiet iffinanzjati skont ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali jew skont ir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) jew l-istrumenti suċċessuri tagħhom. Tikkunsidra wkoll il-miżuri li ġejjin rigward il-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment jew il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp: l-adozzjoni ta' opinjonijiet sfavorevoli fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-finanzjament lill-Bank Ewropew tal-Investiment; u r-rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Bord tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp li jirrappreżenta lill-Unjoni biex jivvota kontra l-approvazzjoni tal-finanzjament.

[29] Pereżempju, fit-3 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni ddikjarat li wara l-aggressjoni militari Russa, hija ddeċidiet li tissospendi t-tħejjijiet tal-ftehim ta' għotja għal erba' proġetti taħt il-programm Orizzont Ewropa li jinvolvu ħames organizzazzjonijiet tar-riċerka Russi. L-iffirmar ta' kwalunkwe kuntratt ġdid ġie sospiż sakemm jingħata avviż ieħor. Hija ddeċidiet wkoll li tissospendi kwalunkwe pagament lil entitajiet Russi taħt kuntratti eżistenti. (https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/STATEMENT_22_1528)

33. It-tielet nett, fir-rigward tal-Artikolu 8 tal-Proposta, li jipprevedi l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri ta' applikazzjoni individwali u joħloq dritt li jintalab kumpens għad-danni, l-ewwel huwa importanti li jiġi indirizzat it-tħassib imqajjem minn xi delegazzjonijiet fir-rigward tal-possibbiltà ta' trikkib ma' miżuri restrittivi adottati fl-implimentazzjoni mill-Unjoni tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) tagħha.

34. Il-fatt li ċerti dispożizzjonijiet jixbhu regoli li l-Unjoni tista' tadotta fl-implimentazzjoni tal-PESK tagħha, ma jipprekludix, fih innifsu, l-adozzjoni ta' miżuri simili fl-implimentazzjoni ta' politika oħra tal-Unjoni, sakemm l-adozzjoni ta' tali miżuri tirrispetta l-limiti tal-kompetenzi mogħtija lill-Unjoni f'dak il-qasam ta' politika u tirrispetta l-hekk imsejħa "klawżola ta' nuqqas ta' effett", jiġifieri "*m'għandhiex tolqot l-applikazzjoni tal-proċeduri u l-firxa rispettiva tal-kompetenzi tal-istituzzjonijiet stabbiliti fit-Trattati għall-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Unjoni msemmija fil-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea*", jiġifieri skont il-PESK (l-Artikolu 40(2) TUE).

35. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat espressament, fid-dawl tat-termini tal-Artikolu 29 TUE[30] u ta' dispożizzjonijiet speċifiċi oħra dwar il-PESK, li l-Kunsill għandu s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet "*li jistgħu jaffettwaw direttament il-pożizzjoni tal-individwi*". Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li: "[i]*l-kunċett ta' "[pożizzjoni] tal-Unjoni" (...) jista' għalhekk jingħata interpretazzjoni wiesgħa, b'tali mod li (...) jistgħu jiġu adottati, abbażi tal-Artikolu 29 TUE, mhux biss atti li għandhom natura programmatika jew ta' sempliċi dikjarazzjonijiet ta' intenzjoni, iżda wkoll deċiżjonijiet li jipprovdu miżuri ta' natura li jemendaw direttament is-sitwazzjoni legali ta' individwi*. Dan huwa barra minn hekk ikkonfermat mill-kliem tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE[31][32].

L-Artikolu 275 TFUE jirreferi għall-istħarriġ tal-legalità tad-"*deċiżjonijiet li jipprevedu miżuri restrittivi kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi adottati mill-Kunsill abbażi tal-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea*".

36. Huwa ċar li tali setgħa diskrezzjonali wiesgħa ma tirriżultax mill-formulazzjoni tal-Artikoli 206 u 207 TFUE. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 8 tal-Proposta jurux ir-rabta speċifika meħtieġa mal-kummerċ internazzjonali, kif stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qorti (ara l-punt 20 aktar 'il fuq), u li b'hekk, ikunu jistgħu jiġu adottati skont il-bażi legali proposta.

---

30 Skont l-Artikolu 29 TUE, "*Il-Kunsill għandu jadotta deċiżjonijiet li jiddefinixxu l-atteġġament tal-Unjoni lejn materja partikolari ta' natura ġeografika jew tematika*".

31 Is-Sentenza tas-27 ta' Frar 2017, *Ahmed Ezz vs il-Kunsill u l-Kummissjoni*, T256/11 EU:T:2014:93, il-punt 42, ikkonfermat fl-appell C220/14 P, EU:C:2015:147.

32 Ara wkoll is-Sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, *Rosneft* C-72/15, EU:C:2017:236, il-punt 88: "*Mill-Artikoli 24 u 29 TUE jirriżulta, bħala regola ġenerali, li l-Kunsill jista' jiddefinixxi, billi jiddeċiedi bl-unanimità, l-għan tal-miżuri restrittivi li l-Unjoni tadotta fil-qasam tal-PESK.* Fid-dawl tal-firxa wiesgħa tal-finijiet u tal-għanijiet tal-PESK, kif espressi fl-Artikolu 3(5) TUE u fl-Artikolu 21 TUE kif ukoll fid-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-PESK, b'mod partikolari fl-Artikoli 23 u 24 TUE, il-Kunsill għandu prerogattiva wiesgħa fid-definizzjoni ta' dan l-għan".



PUBLIC

37. Il-formulazzjoni tal-kriterji għad-deżinjazzjoni fl-Artikolu 8 tal-Proposta, li jirreferi għal persuni fiżiċi u ġuridiċi "*konness[i] jew marbuta mal-gvern tal-pajjiż terz ikkonċernat*", hija miftuħa u wiesgħa ħafna. Skont tali kriterju, id-deżinjazzjonijiet ta' kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, inkluż dawk li mhumiex involuti fil-kummerċ bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat jew saħansitra għal kwalunkwe attività ekonomika speċifika, pereżempju uffiċjali tal-gvern jew ministri, ikunu possibbli. Ir-rabta mal-kummerċ ta' miżuri li jiddeżinjaw persuna fiżika jew ġuridika f'pożizzjoni ta' influwenza u li għalhekk fit-teorija tista', permezz tal-eżerċizzju ta' tali influwenza, tikseb it-tneħħija ta' miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika mill-pajjiż terz ikkonċernat hija, fil-fehma tas-Servizz Legali tal-Kunsill, dgħajfa wisq biex tissodisfa l-istandard meħtieġ ta' rabta speċifika mal-kummerċ stabbilit mill-Qorti. Għalkemm huwa possibbli li jiġi sostnut li tali miżura hija intiża sabiex tippromwovi, tiffaċilita jew tirregola l-kummerċ, jidher prattikament impossibbli li jiġi konkluż li tali miżura jkollha "*effetti diretti u immedjati fuq il-kummerċ*" bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz inkwistjoni kif meħtieġ mill-ġurisprudenza (ara l-punt 20 hawn fuq). L-iktar l-iktar, l-effetti jkunu biss potenzjali, kondizzjonali fuq l-eżerċizzju b'suċċess tal-influwenza fuq il-gvern tal-pajjiż terz, u għalhekk indiretti u mbiegħda[33].

PUBLIC

[33] Madankollu, ikun possibbli li tali persuni jiġu ddeżinjati bil-ħsieb tal-istess objettivi, bħala parti mill-PESK, abbażi ta' atti adottati skont l-Artikolu 29 TUE u l-Artikolu 215 TFUE.

PUBLIC

38. Is-sitwazzjoni tista' tkun differenti għal miżuri adottati kontra operaturi ekonomiċi konnessi jew marbuta mal-gvern, jiġifieri persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew entitajiet involuti f'kummerċ internazzjonali jew f'attivitajiet kummerċjali. F'każijiet bħal dawn, jidher possibbli li wieħed isostni li l-miżuri kummerċjali stabbiliti fl-Anness I – sal-punt li jistgħu japplikaw għal individwu deżinjat – jirrestrinġu l-aċċess għas-suq tal-Unjoni, u għalhekk ikunu maħsuba biex jirregolaw (jiġifieri jirrestrinġu) il-kummerċ u jkollhom effett dirett u immedjat fuqu fis-sens li dawk il-miżuri jfixklu tali aċċess u b'riżultat ta' dan inaqqsu l-kummerċ mal-pajjiż ikkonċernat.

39. Għalhekk, filwaqt li miżuri li jiddeżinjaw operaturi ekonomiċi konnessi jew marbuta mal-gvern ta' pajjiż terz jistgħu jitqiesu li għandhom effett dirett u immedjat fuq il-kummerċ, u jistgħu jiġu adottati skont l-Artikolu 207(2) TFUE, dan ma jistax jingħad għal miżuri li jiddeżinjaw kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika konnessa jew marbuta mal-gvern ta' pajjiż terz. Jekk il-possibbiltà ta' tali deżinjazzjoni tinżamm, il-kriterji għall-konformità mar-rekwiżit ta' rabta speċifika mal-kummerċ internazzjonali jridu jiġu spjegati biċ-ċar u l-kategoriji ta' persuni u l-kriterji li skonthom jistgħu jiġu ddeżinjati jridu jiġu ċċarati fil-parti operattiva tal-Proposta nnifisha, bħala parti mill-elementi essenzjali li jenħtieġ li jinkwadraw u jiggwidaw l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni, pjuttost milli fl-att ta' implimentazzjoni biss kif previst mill-Proposta [34].

[34] L-Artikolu 8(3) tal-Proposta jħalli setgħa diskrezzjonali konsiderevoli lill-Kummissjoni fl-eżami tal-"*kriterji rilevanti kollha*".

40. Fir-rigward tad-dispożizzjoni li tagħti d-dritt li jintalbu d-danni minn persuni deżinjati li kkawżaw jew kienu involuti f'koerċizzjoni ekonomika jew konnessi magħha (l-Artikolu 8(1)(b) tal-Proposta), is-Servizz Legali tal-Kunsill ifakkar li r-Regolament tal-Kunsill Nru 2271/86 tat-22 ta' Novembru 1996 (l-Istatut ta' Mblukkar)[35] li fih dritt simili taħt id-dritt tal-Unjoni, ma ġiex adottat biss fuq bażi legali kummerċjali (l-Artikolu 113 TKE, issa l-Artikolu 207 TFUE), iżda wkoll fuq il-bażi tal-Artikoli 73(c) u 235 TKE (issa l-Artikoli 64 u 352 TFUE).[36] Dak iż-żmien, is-Servizz Legali tal-Kunsill ikkonkluda li kien l-Artikolu 235 TKE li ppermetta l-adozzjoni ta' miżuri stabbiliti fl-Artikoli 4, 5 u 6 tal-Istatut ta' Mblukkar[37].

41. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fir-rigward tal-Artikoli 5 u 6 tat-Taqsima III, "Sanzjonijiet u rimedji", tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni legali tas-servizzi bbażati fuq, jew li jikkonsistu minn, aċċess kondizzjonali, li jirrigwardaw miżuri ta' sekwestru u ta' konfiska, li dawk id-dispożizzjonijiet "*huma intiżi, b'mod ġenerali, sabiex jiggarantixxu l-effikaċja tal-protezzjoni legali tas-servizzi bbażati fuq aċċess kundizzjonali*" u "*jikkontribwixxu ... għall-għan prinċipali tad-deċiżjoni kkontestata*" u għalhekk jistgħu jkunu parti mill-ftehim li primarjament ikollu objettiv li għandu rabta speċifika mal-politika kummerċjali komuni [38].

[35] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2271/96 tat-22 ta' Novembru 1996 li jipproteġi kontra l-effetti tal-applikazzjoni ekstraterritorjali tal-leġiżlazzjoni adottata minn pajjiż terz, u l-azzjonijiet ibbażati fuqha jew li jirriżultaw minnha (ĠU L 309, 29.11.1996, p. 1). Skont l-Artikolu 6 tiegħu, "[k]*walunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 11, li tkun involuta fi kwalunkwe attività msemmija fl-Artikolu 1 għandha tkun intitolata tirkupra kwalunkwe danni, inklużi l-ispejjeż legali, ikkawżati lil dik il-persuna bl-applikazzjoni tal-liġijiet speċifikati fl-Anness jew minn azzjonijiet ibbażati fuqhom jew li jirriżultaw minnhom*".

[36] L-Opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 1996, dok. 10845/96. Ara wkoll l-Opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2001, dok. 13173/01, il-paragrafu 7.

[37] Fl-1992, jiġifieri qabel ma ddaħħlu fit-TKE l-Artikoli 301 u 60, ir-Regolament (KEE) Nru 3541/92 li jipprojbixxi s-sodisfazzjon tal-pretensjonijiet Iraqqini fir-rigward ta' kuntratti u tranżazzjonijiet li l-prestazzjoni tagħhom kienet affettwata minn miżuri meħuda mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU skont ir-Riżoluzzjoni 661 (1990) u riżoluzzjonijiet relatati (ĠU L 361, 10.12.1992, p. 1) ġie adottat ukoll abbażi tal-Artikolu 235 preċedenti (u mhux biss abbażi tal-Artikolu 113 TKE). Madankollu, ir-Regolamenti (KEE) Nru 2340/90 (ĠUL 213, 9.8.1990) u Nru 3155/90 (ĠU L 304, 1.11.1990), fejn il-Komunità ħadet miżuri biex tipprevjeni l-kummerċ bejn il-Komunità u l-Iraq ittieħdu biss fuq bażi legali kummerċjali (l-Artikolu 113 KEE dak iż-żmien).

[38] Is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2013, *Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill*, C137/12, EU:C:2013:675, il-punti 70, 71 u 76.



PUBLIC

42. Għalhekk, sa fejn din il-miżura hija maħsuba biex tiffaċilita l-protezzjoni legali effettiva tal-operaturi tal-Unjoni affettwati mill-miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika tal-pajjiż terz, tgħin biex jintlaħaq l-objettiv tal-istrument, jiġifieri l-ġlieda kontra l-koerċizzjoni ekonomika minn Stati terzi. Għaldaqstant tista' tiġi adottata abbażi tal-Artikolu 207(2) TFUE.

43. Fl-aħħar nett, jidher importanti li jitfakkar li f'konformità mal-prevalenza tal-klawżola ta' nuqqas ta' effett (l-Artikolu 40(2) TUE), l-eżerċizzju tas-setgħat fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni ma għandux jaffettwa l-eżerċizzju possibbli tal-kompetenzi tal-Unjoni fil-qasam tal-PESK, inkluż fit-twettiq tal-istess objettivi jew l-adozzjoni ta' miżuri simili. Għalhekk, għandu jiġi ċċarat, fit-test tal-Proposta, li dan l-istrument huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Unjoni taħt il-PESK.

44. Konsegwentement, l-eżami tal-għan u l-kontenut tal-Proposta mwettaq hawn fuq jikkonferma li l-Proposta tikkostitwixxi qafas għall-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni sa fejn tippermetti rispons tal-Unjoni għal miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika meħuda minn pajjiż terz li jaffettwaw il-kummerċ jew l-investiment, permezz ta' miżuri li jaqgħu fil-politika kummerċjali komuni. Dan japplika għall-miżuri kollha proposti bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mal-programmi ta' riċerka tal-Unjoni u l-miżuri li jippermettu l-ħatra ta' persuni li mhumiex involuti direttament fil-kummerċ internazzjonali.

PUBLIC

## B. ASPETTI ISTITUZZJONALI

### *i) Prinċipji*

45. L-Artikolu 13(2) TUE jipprevedi li kull istituzzjoni tal-Unjoni għandha taġixxi fil-limiti tal-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattati, u konformement mal-proċeduri, mal-kondizzjonijiet u mal-objettivi previsti minnhom. Din id-dispożizzjoni tirrifletti l-prinċipju tal-bilanċ istituzzjonali, karatteristika tal-istruttura istituzzjonali tal-Unjoni, prinċipju li jeħtieġ li kull waħda mill-istituzzjonijiet teżerċita s-setgħat tagħha b'kunsiderazzjoni xierqa għas-setgħat tal-istituzzjonijiet l-oħra[39].

46. Fir-rigward tas-setgħat tal-Kunsill, it-tieni sentenza tal-Artikolu 16(1) TUE tipprevedi li l-Kunsill għandu jeżerċita funzjonijiet ta' tfassil ta' politika u ta' koordinazzjoni skont kif stipulat fit-Trattati. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 16(6) TUE jipprevedi li l-Kunsill tal-Affarijiet Barranin għandu jelabora l-azzjoni esterna tal-Unjoni skont il-linji gwida strateġiċi stabbiliti mill-Kunsill Ewropew, u għandu jiżgura li l-azzjoni tal-Unjoni tkun konsistenti. Barra minn hekk, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 26(2) TUE jipprevedi li l-Kunsill għandu jfassal il-PESK u jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa għad-definizzjoni u l-implimentazzjoni tagħha abbażi tal-linji gwida ġenerali u l-linji strateġiċi definiti mill-Kunsill Ewropew.

47. Fir-rigward tas-setgħat tal-Kummissjoni, l-Artikolu 17(1) TUE jistipula li din għandha tippromwovi l-interess ġenerali tal-Unjoni u tieħu l-inizjattivi xierqa għal dan il-għan, teżerċita funzjonijiet ta' koordinazzjoni, eżekuzzjoni u amministrazzjoni, skont kif stipulat fit-Trattati, u għandha tiżgura r-rappreżentanza esterna tal-Unjoni, bl-eċċezzjoni tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, u tal-każijiet l-oħra previsti fit-Trattati.

[39] Ara s-Sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, *Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni (MtQ Żvizzeru)*, C660/13, EU:C:2016:616, il-punti 31 sa 32, u l-ġurisprudenza msemmija fiha.



PUBLIC

48. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 21(3) TUE, l-obbligu li "*jkun hemm koerenza bejn l-oqsma differenti ta' l-azzjoni esterna* [tal-Unjoni] *u bejn dawn u l-politiki l-oħra tagħha*" jaqa' fuq il-Kunsill u l-Kummissjoni, assistiti mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, li għandhom "*jikkooperaw għal dan l-għan*".[40]

49. Barra minn hekk, ġie stabbilit mill-ġurisprudenza li l-konklużjoni ta' strumenti mhux vinkolanti ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali taqa' fis-setgħat tat-tfassil tal-politika tal-Kunsill [41], filwaqt li l-konklużjoni ta' ftehimiet legalment vinkolanti ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali taqa' fis-setgħat ta' tfassil ta' trattati tal-Kunsill f'konformità mal-Artikoli 207 u 218 TFUE.

***ii) Analiżi***

50. Skont il-mekkaniżmu propost (l-Artikolu 4 tal-Proposta, ara l-paragrafu 11 hawn fuq), il-Kummissjoni waħedha, mingħajr ebda rwol għall-Kunsill, tingħata s-setgħa li tiddetermina jekk il-miżura ta' pajjiż terz tikkostitwixxix koerċizzjoni ekonomika. Tali deċiżjoni mill-Kummissjoni jkollha għadd ta' konsegwenzi fuq livell internazzjonali, kemm politiċi kif ukoll legali.

51. L-ewwel nett, skont il-Proposta, tali deċiżjoni ġġib magħha obbligu għall-Kummissjoni li tinnotifika lill-pajjiż terz ikkonċernat, titolbu jwaqqaf il-koerċizzjoni ekonomika, u fejn xieraq, isewwi d-dannu mġarrab mill-Unjoni jew mill-Istati Membri tagħha. It-tieni nett, il-Kummissjoni tkun obbligata timpenja ruħha mal-pajjiż terz ikkonċernat, tfittex li tikseb il-waqfien tal-koerċizzjoni ekonomika billi tqajjem il-kwistjoni fi kwalunkwe forum internazzjonali rilevanti u tidħol f'konsultazzjoni, kooperazzjoni u koordinazzjoni ma' kwalunkwe pajjiż ieħor, inkluż fir-rigward tal-koordinazzjoni b'reazzjoni għall-koerċizzjoni (l-Artikoli 5 u 6 tal-Proposta, ara l-punt 12 hawn fuq).

---

40 Barra minn hekk, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 26(2) TUE, "*Il-Kunsill u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandhom jassiguraw l-unità, il-konsistenza u l-effettività tal-azzjoni mill-Unjoni*".

41 Il-Każ C660/13, *ibid*., il-punti 40 sa 42. Arranġamenti bejn is-Segretarji Ġenerali dwar strumenti mhux vinkolanti, 15367/17.



PUBLIC

Fl-aħħar nett, id-determinazzjoni ta' miżuri possibbli ta' rispons tal-Unjoni tista' tiġi deċiża mill-Kummissjoni, bħala l-aħħar alternattiva, permezz ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami (sempliċi) (l-Artikolu 7 tal-Proposta, ara l-paragrafi 13 sa 15 hawn fuq), li hija dik li skontha, f'każ li ma jkun hemm l-ebda opinjoni mill-kumitat, il-Kummissjoni tista' madankollu tadotta l-att ta' implimentazzjoni[42]. Il-Kummissjoni jkollha wkoll is-setgħa, u f'ċerti każijiet tkun obbligata, bis-saħħa tal-Artikolu 10 propost, li temenda, tissospendi u ttemm il-miżuri.

52. Il-Proposta tipprevedi li l-obbligu tal-Kummissjoni li żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill infurmati dwar l-iżviluppi rilevanti jiskatta biss <u>wara</u> li l-Kummissjoni tkun iddeterminat li hemm koerċizzjoni ekonomika u wara li tkun involviet ruħha mal-pajjiż terz ikkonċernat (l-Artikolu 5(3)). Obbligu simili lejn iż-żewġ istituzzjonijiet huwa previst ukoll fir-rigward tal-valutazzjoni tal-miżuri meħuda matul il-proċess ta' rieżami (l-Artikolu 10(1)).

Il-proposta għalhekk tipprevedi li l-Kunsill ikun sempliċiment infurmat, *ex post*, u tqiegħed lill-Kunsill fuq l-istess livell mal-Parlament Ewropew. Fir-rigward tal-involviment tal-Istati Membri, il-Proposta tipprevedi l-applikazzjoni tal-proċedura ta' komitoloġija (proċedura ta' eżami ordinarja) biss fl-istadju li fih il-Kummissjoni tadotta l-"miżuri ta' rispons tal-Unjoni" (l-Artikolu 7 tal-Proposta).

[42] Ir-Regolament dwar il-Komitoloġija (ir-Regolament Nru 182/2011, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13) jipprevedi wkoll proċedura aktar stretta, l-hekk imsejħa proċedura ta' eżami tal-"klawżola ta' ebda opinjoni", fejn f'każ ta' ebda opinjoni mill-kumitat, il-Kummissjoni ma tistax tadotta l-att ta' implimentazzjoni (ara l-punt (b) tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament dwar il-Komitoloġija).

53. L-ewwel nett, huwa importanti li jiġi osservat li d-determinazzjoni ta' koerċizzjoni ekonomika minn pajjiż terz iddur madwar il-prinċipju ta' nuqqas ta' intervent u l-artikulazzjoni tiegħu skont id-dritt internazzjonali konswetudinarju[43]. [44]Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "*prinċipju tad-dritt internazzjonali konswetudinarju ma għandux l-istess grad ta' preċiżjoni li jkollha dispożizzjoni ta' ftehim internazzjonali*"[45]. Id-definizzjoni preċiża ta' koerċizzjoni, u għalhekk ta' intervent mhux awtorizzat, għadha mhijiex kompletament ikkristallizzata fid-dritt internazzjonali. Barra minn hekk, filwaqt li l-kontromiżuri bħala tali jitqiesu leġittimi skont id-dritt internazzjonali konswetudinarju, ir-rekwiżiti u l-proċeduri individwali biex isir dan spiss jiġu diskussi u huma inqas ċari.

Il-Proposta tirrikonoxxi dan meta tirreferi fil-premessa 5 għax-xewqa "*li l-Unjoni tikkontribwixxi għall-ħolqien, għall-iżvilupp u għall-kjarifika ta' oqfsa internazzjonali għall-prevenzjoni u għall-eliminazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' koerċizzjoni ekonomika*". Dan jiddistingwi l-azzjoni tal-Unjoni skont il-qafas propost minn azzjoni meħuda fil-kuntest ta' qafas regolatorju multilaterali dettaljat, bħal pereżempju dik tad-WTO[46].

---

[43] Ara l-premessa 3 u l-Artikolu 2(2) u r-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt, li jirreferi, fil-paġna 8, għall-projbizzjoni ta' ċerti forom ta' interferenza fl-affarijiet ta' suġġett ieħor tad-dritt internazzjonali meta ma jkun hemm l-ebda bażi fid-dritt internazzjonali biex isir dan u jikkwota żewġ artikoli akkademiċi b'appoġġ.

[44] Ir-rispons tal-Unjoni, sa fejn meħtieġ, ser isegwi wkoll ir-regoli tad-dritt internazzjonali dwar ir-responsabbiltà tal-Istati għall-atti internazzjonali illeċiti tagħhom, kif ifformulati, permezz ta' kodifikazzjoni u żvilupp progressiv, fl-abbozz tal-artikoli dwar ir-Responsabbiltà tal-Istati għal Atti ta' Ħsara Internazzjonalment adottati mill-Kummissjoni tad-Dritt Internazzjonali fit-tlieta u ħamsin sessjoni tagħha. *Yearbook of the International Law Commission, 2001, vol. II, it-Tieni Parti*.

[45] Sentenza tas-7 ta' 2022, *United Airlines*, C561/20, EU:C:2016:266, il-punt 51.

[46] Ara r-Regolament (UE) 2015/1843 (ĠU L 272 , 16.10.2015, p. 1) li permezz tiegħu l-Kummissjoni għandha s-setgħa li taġixxi sabiex tiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċji tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Ir-Regolament (UE) 2015/1843, ĠU L 272, 16.10.2012, p. 1.



PUBLIC

54. It-tieni nett, deċiżjoni li tiddetermina li pajjiż terz ikun involut f'koerċizzjoni ekonomika ser ikollha impatt fuq ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat u ser tikkostitwixxi "*azzjoni distinta tal-Unjoni fix-xena internazzjonali*" fis-sens tal-Artikolu 21(1) TUE, fil-kuntest ta' ambjent legali kunsiderevolment inqas prevedibbli minn dak irregolat mir-regoli internazzjonali tal-kummerċ. Fis-sustanza tagħha stess, tali deċiżjoni ser tifforma l-politika tal-Unjoni fir-rigward ta' pajjiż terz partikolari u tidderieġi l-azzjoni esterna tagħha, b'konsegwenzi inevitabbli fuq l-implimentazzjoni tal-PESK fil-konfront ta' dak il-pajjiż.

55. Fil-kliem tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha[47], it-teħid ta' deċiżjoni li tiddetermina l-eżistenza ta' koerċizzjoni ekonomika minn pajjiż terz f'qasam li għalih l-Unjoni hija kompetenti ovvjament "[j]involvi li jiġu evalwati (...) *l-interessi tal-Unjoni*[48] (...) fil-kuntest tar-relazzjonijiet mal-pajjiż terz ikkonċernat u s-sejba ta' kompromess bejn l-interessi diverġenti relatati ma' dawn ir-relazzjonijiet". Evalwazzjoni ta' din in-natura għandha, skont din il-ġurisprudenza, titwettaq mill-Kunsill skont il-kompetenzi mogħtija lilu mit-Trattati dwar l-azzjoni esterna tal-Unjoni.

56. Għalhekk, il-Kunsill għandu jkun involut fid-determinazzjoni tal-koerċizzjoni ekonomika mill-pajjiż terz ikkonċernat. Tali involviment jista' jieħu forom differenti jew ikollu livelli differenti ta' intensità. Huwa f'idejn il-Kunsill li jagħżel l-opzjoni ppreferuta tiegħu meta jiddiskuti l-Proposta.

[47] Ara l-punt 39 tas-*Sentenza tal-MtQ Żvizzeru*, Kawża C660/13.

[48] L-interessi tal-Unjoni għal dak l-għan iridu jiġu distinti mill-kunċett tal-interessi tal-Unjoni msemmija fl-Artikoli 9 u 11 tal-Proposta, li, kif spjegat mill-Kummissjoni, huwa essenzjalment dwar interessi ekonomiċi speċifiċi u jimplika li jitqiesu l-interessi ta' dawk soġġetti għall-miżuri koerċittivi tal-pajjiż terz minn naħa waħda, u ta' dawk li jistgħu jiġu affettwati mill-miżuri possibbli ta' rispons tal-Unjoni, min-naħa l-oħra.



PUBLIC

57. L-ewwel mod kif jiġi involut il-Kunsill fid-determinazzjoni li pajjiż terz ikun qed jieħu miżuri ta' koerċizzjoni ekonomika jista' jkun li l-Kunsill jingħata setgħat ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 291(2) TFUE. Dan l-Artikolu jipprevedi li "[m]*eta jkun hemm bżonn ta' kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-atti tal-Unjoni legalment vinkolanti, dawk l-atti għandhom jagħtu setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni jew, fil-każijiet speċifiċi ġustifikati b'mod xieraq u fil-każijiet previsti fl-Artikoli 24 u 26 tat-*[TUE], *lill-Kunsill*" (enfasi miżjuda).

58. L-għoti ta' tali setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill għandu għalhekk jiġi ġġustifikat fil-premessi tal-Proposta. Peress li tali setgħat ta' implimentazzjoni jistgħu jkunu limitati għad-determinazzjoni ta' koerċizzjoni ekonomika, ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 291(2) TFUE biex l-għoti jkun debitament ġustifikat u limitat għal każijiet speċifiċi jkunu ssodisfati. Barra minn hekk, il-ħtieġa li jiġu rrispettati s-setgħat tal-Kunsill dwar l-azzjoni esterna tal-Unjoni, inkluż il-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza bejn, pereżempju, miżuri possibbli tal-PESK u l-miżuri ta' rispons tal-Unjoni skont il-Proposta, bl-istess mod tipprovdi ġustifikazzjoni valida għall-għoti ta' tali setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill.

59. Meta jaġixxi abbażi ta' setgħa stabbilita fil-leġiżlazzjoni sekondarja, il-Kunsill ma jkunx qed jaġixxi "skont it-Trattati", u b'hekk il-leġiżlatur iżomm marġni wiesa' ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-modalitajiet proċedurali għall-eżerċizzju tas-setgħa ta' implimentazzjoni tal-Kunsill. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "*l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu l-possibbiltà li jieħu d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tar-regolamenti bażiċi skont proċedura differenti minn dik segwita għall-adozzjoni tar-regolament bażiku*"[49]. Għalhekk, u kif diġà ġie ċċarat mis-Servizz Legali tal-Kunsill, il-proċedura applikabbli tista' titfassal għaċ-ċirkostanzi biex jiġu żgurati l-ħeffa u l-effettività, sakemm l-arranġamenti ma jdgħajfux il-bilanċ tas-setgħat bejn l-istituzzjonijiet, jew jimmodifikaw il-kondiviżjoni tas-setgħat fost il-membri tal-istituzzjonijiet, jew jaffettwaw il-prerogattivi fundamentali tagħhom[50].

---

[49] Ara s-Sentenza tas-16 ta' Frar 2022, *Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill* C157/21, EU:C:2022:98, il-punt 307, u l-ġurisprudenza msemmija fiha. Ara wkoll l-Opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2018, dok. 13593/18, il-paragrafu 49 u l-prattika tal-koleġiżlaturi msemmija fiha.

[50] L-Opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill tal-25 ta Ottubru 2018, *ibid.*, il-punt 48.



PUBLIC

60. Għalhekk, is-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kunsill jistgħu jipprevedu li l-Kunsill jaġixxi abbażi ta' proposta mill-Kummissjoni, li tkun eżaminat il-miżuri tal-pajjiż terz fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fir-regolament propost. Il-Kunsill imbagħad jadotta l-att ta' implimentazzjoni b'maġġoranza kwalifikata kif stabbilit fl-Artikolu 16(4) TUE. Wieħed jista' jipprevedi wkoll maġġoranza kwalifikata inversa, fejn l-att ta' implimentazzjoni propost mill-Kummissjoni jiġi adottat, sakemm, fil-Kunsill, maġġoranza kwalifikata ma tivvotax kontra l-adozzjoni. Jista' jiġi speċifikat ukoll li l-Kunsill jista' jimmodifika l-proposta tal-Kummissjoni b'maġġoranza kwalifikata[51]. Inkella, japplikaw ir-regoli tas-soltu skont l-Artikolu 293(1) TFUE (jiġifieri l-unanimità meħtieġa fil-Kunsill għall-modifika tal-proposta tal-Kummissjoni fejn din tal-aħħar topponi tali modifika).

61. Mod ieħor kif jiġi żgurat l-involviment tal-Kunsill jista' jkun permezz ta' obbligu min-naħa tal-Kummissjoni li tikkonsulta, jew tinvolvi, lill-Kunsill qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha. Dan jagħti lill-Kunsill l-opportunità biex jivvaluta jekk l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni mill-Kummissjoni tkunx fl-interess tal-Unjoni f'dak iż-żmien partikolari, fid-dawl tar-relazzjonijiet ġenerali mal-pajjiż terz ikkonċernat. Konsultazzjoni ta' dan it-tip tista' tkun akkumpanjata minn obbligu għall-Kummissjoni li tqis sewwa ħafna l-fehmiet espressi fil-Kunsill u tipprovdi raġunijiet għal tbegħid possibbli mill-fehmiet espressi mill-Kunsill.

51 Ara pereżempju l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni: "*Il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu fi żmien xahar minn meta jirċievi l-proposta tal-Kummissjoni. Jekk jinqalgħu ċirkostanzi eċċezzjonali, il-perjodu għall-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni jista' jiġi estiż b'massimu ta' xahrejn. Bil-ħsieb li tiġi żgurata deċiżjoni f'waqtha, il-Kummissjoni għandha tuża d-drittijiet tagħha skont l-Artikolu 237 TFUE, fejn tqis li dan ikun xieraq. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jemenda l-proposta tal-Kummissjoni u jadotta t-test emendat permezz ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni*". Il-fattibbiltà legali ta' dan l-approċċ ġiet ikkonfermata fil-kawża *L-Ungerija vs Il-Parlament u Il-Kunsill*, C-156/21, EU:C:2022:97 u *Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill*, C-157/21, *ibid*.



PUBLIC

PUBLIC

Dan l-approċċ ser ikun simili għal dak segwit fid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-2021 li tikkonkludi l-Ftehim ta' Kummerċ u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Renju Unit fejn l-Artikolu 3(2) jipprevedi li, qabel ma tieħu ċerti miżuri ta' sospensjoni, rimedju, salvagwardja jew riekwilibriju vis-à-vis ir-Renju Unit, "*il-Kummissjoni għandha tinforma b'mod sħiħ lill-Kunsill fi żmien opportun dwar l-intenzjoni tagħha li tadotta l-miżuri* (...) *bil-ħsieb li tippermetti skambju ta' fehmiet sinifikanti fil-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-akbar kunsiderazzjoni lill-fehmiet espressi. Il-Kummissjoni għandha tinforma wkoll lill-Parlament Ewropew, kif xieraq*"[52].

62. Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' passi ulterjuri wara n-notifika tal-pajjiż terz ikkonċernat, huwa importanti li jitfakkar li filwaqt li l-possibbiltà ta' involviment mal-pajjiż terz ikkonċernat "*biex jiġu esplorati l-għażliet*" taqa' fil-prerogattivi ta' rappreżentanza esterna tal-Kummissjoni, huwa biss bl-approvazzjoni tal-Kunsill li l-Kummissjoni tista' tniedi negozjati mal-pajjiż terz ikkonċernat f'isem l-Unjoni dwar strument li jkun fih impenji, vinkolanti jew mhux vinkolanti[53]. Fi kwalunkwe każ, it-tressiq tal-kwistjoni għal aġġudikazzjoni jew arbitraġġ internazzjonali li jkunu vinkolanti fuq il-partijiet, u għalhekk ukoll fuq l-Unjoni, dejjem ikun jeħtieġ il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali skont il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 218 TFUE.

63. Għaldaqstant, fid-dawl tal-impatt li d-determinazzjoni tal-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiż terz ikollu fuq l-azzjoni esterna tal-Unjoni kollha kemm hi u fid-dawl tal-fatt li l-azzjoni tal-Unjoni prevista taqa' barra minn qafas legali internazzjonali preċiż u stabbilizzat, il-Kunsill għandu jkun involut fid-determinazzjoni stess li hemm koerċizzjoni ekonomika mill-pajjiż terz ikkonċernat. Minħabba li l-Proposta tqiegħed tali determinazzjoni permezz ta' att legali fiċ-ċentru tar-rispons tal-Unjoni, is-Servizz Legali tal-Kunsill jissuġġerixxi li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kunsill biex jiddetermina li teżisti tali koerċizzjoni ekonomika. Alternattivament, tista' tiġi prevista konsultazzjoni obbligatorja minn qabel, jew involviment, tal-Kunsill mill-Kummissjoni simili għal mekkaniżmi preċedenti.

---

52 Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/689 tad-29 ta' April 2019, (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 2).

53 Preżumibbilment, l-ispeċifiċitajiet ta' soluzzjoni possibbli ta' tilwima bħala regola jridu jiġu miftiehma fi strument konġunt, sew jekk skont l-Arranġamenti tal-NBI, *ibid.*, jew il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 218 TFUE.

# III. KONKLUŻJONI

64. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, is-Servizz Legali tal-Kunsill huwa tal-fehma li:

a) Fid-dawl tal-objettiv u l-kontenut tagħha, il-Proposta taqa' taħt il-politika kummerċjali komuni u tista' tiġi adottata abbażi tal-Artikolu 207(2) TFUE, soġġett għall-kunsiderazzjonijiet li ġejjin.

b) L-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet awtonomi fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew l-isfruttament kummerċjali tagħhom fir-rigward tad-detenturi tad-drittijiet tal-pajjiż terz ikkonċernat teħtieġ kjarifika fil-parti operattiva tal-istrument propost, b'mod partikolari fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, bħala parti mill-elementi essenzjali li għandhom jinkwadraw u jiggwidaw l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni.

c) Il-miżuri li jippermettu n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi internazzjonali applikabbli u l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet fuq l-aċċess għal programmi ta' riċerka ffinanzjati mill-Unjoni jew l-esklużjoni minn programmi ta' riċerka ffinanzjati mill-Unjoni jaqgħu barra mill-ambitu tal-politika kummerċjali komuni u ma jistgħux jiġu adottati skont l-Artikolu 207(2) TFUE. L-azzjoni f'dak il-qasam għandha tittieħed fi ħdan il-qafas legali applikabbli li permezz tiegħu tiġi implimentata l-politika tar-riċerka tal-Unjoni.

d) Miżuri li jippermettu d-deżinjazzjoni ta' operaturi ekonomiċi konnessi mal-gvern ta' pajjiż terz jew marbuta miegħu jaqgħu fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni u jistgħu jiġu adottati skont l-Artikolu 207(2) TFUE. Madankollu, it-test tal-Proposta jeħtieġ li jiġi ċċarat sabiex ikun hemm konformità aħjar mar-rekwiżit ta' rabta speċifika mal-kummerċ internazzjonali, bħala parti mill-elementi essenzjali li għandhom jinkwadraw u jiggwidaw l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni.



PUBLIC

e) Fid-dawl tal-impatt fuq ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u l-pajjiż terz ikkonċernat, u filwaqt li jitqiesu s-setgħat tal-Kunsill skont it-Trattati fir-rigward tal-azzjoni esterna tal-UE, il-Kunsill għandu jkun involut fid-determinazzjoni tal-koerċizzjoni ekonomika minn pajjiż terz.

f) Tali involviment tal-Kunsill jista' jinkiseb permezz tal-għoti ta' setgħat ta' implimentazzjoni lilu f'konformità mal-Artikolu 291(2) TFUE, li għandhom jiġu eżerċitati fuq proposta mill-Kummissjoni, jew permezz ta' konsultazzjoni obbligatorja minn qabel, jew involviment, tal-Kunsill mill-Kummissjoni.

PUBLIC